TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Vincent u Graziella Busuttil

vs

Zia Noor (KNGZ E-vehicles) / E Cars Ltd

CCT/114/21/MS

13 ta' Lulju 2022

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fl-20 ta' Lulju 2021 fejn ipremmetew illi huma xtraw vettura tal-elettriku minghand is-socjeta' intimata ghall-prezz ta' disa telef Euro, u wara xahar il-karozza bdiet turi sinjali ta' hsara u l-problemi bdew jizdiedu maz-zmien. Talbu ghalhekk li jinghataw jew karrozza gdida jew inkella kumpens fl-ammont ta' tlett elef u hames mitt Euro. (€3,500).

Ra ill l-intimat/i s-socjeta' intimata, debitament notifikati bl-avviz tat-talba u tas-smigh ma dahlux risposta u hadd ma deher quddiem dan it-Tribunal meta hekk imsejjah biex jixhed.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi f'Settembru 2019 ir-rikorrenti xtraw karrozza tal-elettriku li kienet reklamata bhala gdida minghand is-socjeta' intimata ghall-prezz ta' €9,000. Irrizulta wkoll illi huma bbenenifikaw minn *one time grant* ta' €3,500 (ara l-ittra mibghuta minn Transport Malta mibghuta fil-15 ta' Novembru 2019).

Inqas minn xahar wara, fit-2 ta' Ottubru 2019, d-*display screen* beda jindika li kien hemm il-problemi u ghalkemm ir-rikorrent Vincent Busuttil infurmah mill-ewwel, l-intimat qallu li '*dak ma kien xejn*'. Fl-25 ta' Ottubru mar il-*handbrake* u r-rikorrent kellu jhallas hamsin Euro biex jitranga, kif kellu wkoll jbiddel it-tyres ta' quddiem a spejjes tieghu. Barra minn hekk il-karrozza kellha problemi ta' *alignment* u kien hemm hsejjes kull meta kien idawwar l-*isteering wheel.* Il-problemi zdiedu maz-zmien - problemi fl-*airconditioning*, fil-*brakes*, tant li r-rikorrent dam xahar minghajr ma uza l-karrozza bejn 24 ta' Settembru u 28 Ottubru 2020.

Ir-rikorrent Vincent Busuttil esebixxa wkoll messaggi skambjati bejnu u l-intimat minn Gunju 2020 sa Marzu 2021, li jikkorroboraw dak kollu li xehed f'dawn il-proceduri. Il-messagi ntabghtu

kemm lill-intimat kif ukoll lil certu Ben, technician, u Elliot li kien igib il-*parts* minn barra ghall-agenti kollha ta' Malta.

Fit-28 ta' Settembru 2020, ir-rikorrent ircieva messagg minn dan Elliott, fejn qal hekk:

*Zia confirmed the order is waiting a reply from his supplier, will keep you informed.*

Pero', sal-ahhar ta' Marzu 2021 dawn il-*parts* ma kienux ghadhom wasslu u dan nonostante diversi *reminders / emails u ultimatums* min-naha tar-rikorrent. Irrizulta fil-fatt illi Zia ma kien qatt ghamel l-ordni.

Ir-rikorrent spjega wkoll illi hu kien ta lil Zia disa' telef Euro u ghalkemm huwa kien ibbenefika minn grant, effettivament kien hallas €5,500 minn butu u kellu jhallas elf u hames mitt Euro iktar sabiex jitrangaw dawn l-affarijiet kollha.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta mill-provi li l r-rikorrenti xtraw minghand l-intimat/ id-ditta intimata vettura tal-eletrikku u anqas minn xahar wara nnutaw illi l-vettura ma kinitx qed tiffunzjona tajjeb. Ghal xi raguni, ir-rikorrent ma hax il-vettura lura minn fejn kienu xtraha, izda minflok beda jibghat messaggi fuq What's App u jipprova jsolvi l-problemi kull darba li kien jinqala' xi haga. Izda kien kollu ghal xejn.

Meta ra li l-karozza kienet u baqghet diffettuza u l-*parts* li suppost kellhom jigu ordnati mill-intimat, ma kienux fil-fatt ordnati, talab li jinghata karrozza gdida jew is-somma ta' €3,500.00 bhala kumpens. Taht gurament, ir-rikorrent xehed li hallas €5,500 u €1500 ohra biex jahgmel it-tiswijiet necessarji sabiex il-vettura titranga.

Illi s-socjeta' intimata ma' ghamlet l-ebda risposta u qatt ma deher rapprezentant taghha biex jixhed, u ghalhekk ix-xhieda guramentata tar-rikorrent hija inkontestata. It-Tribunal m'ghandux dubju mill-veracita' ta' dak li xehdu r-rikorrenti, anke in vista tal-fatt illi dan huwa korroborat bil-messaggi.

Illi effettivament ir-rikorrenti xtraw karrozza li kienet gdida ghal prezz ta' disa telef Euro. Ghalkemm huma bbenefikaw minn *one time grant* u effettivament hallsu hames telef u hames mitt euro, l-intimat xorta wahda ircieva l-prezz kollu ta' disa telef Euro. Xahar biss wara li nxtrat, il-karrozza bdiet turi li kellha l-hsara u l-problemi baqghu jizdiedu. Illi ghalkemm ma hemmx rapport peritali ta' din il-hsara, it-Tribunal huwa sodisfatt illi l-vettura kienet difettuza u r-rikorrent irnexxielu jipprova illi dawn il-hsarat u diffetti gew riskontrati fil-perjodu tal-garanzija meta l-karrozza kienet ghadha '*under warranty.*

Ikkunsidra

Illi skond l-artikolu 73 tal-Kap 378 bejjiegħa għandhom jikkunsinnaw oġġetti lill-konsumatur li jikkonformaw mal-kuntratt tal-bejgh, liema oggetti ghandhom b'mod partikolari, fejn applikabbili: (a) ikunu tad-deskrizzjoni, it-tip, il-kwantità u l-kwalità, u jkollhom il-funzjonalità, il-kompatibbiltà, l-interoperabbiltà u l-karattestici l-ohra, kif jirrikjedi l-kuntratt tal-bejgh; (b) ikunu tajbin għal kull għan partikolari li għalih ikun jeħtieġhom il-konsumatur u (2)(a) ikunu adattati għall-iskopijiet li għalihom normalment jintużaw oġġetti tal-istess tip.

L-artikolu 74 ighid ili f'każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-artikolu u fl-artikolu 75.

Imbaghad l-artikolu 78 ighid hekk: Il-bejjiegħ għandu jkun responsabbli lejn il-konsumatur għal kwalunkwe nuqqas ta' konformità eżistenti mal-konsenja tal-oġġetti u li jimmanifesta ruħu fi żmien sentejn minn dakinhar.

Ikkunsidra

Illi ma hemmx dubju illi hawnhekk si tratta ta' nuqqas ta formalità li mmanifestat fil-bidu nett, u minkejja l-intimat kien jaf b'dawn in-nuqqasijiet qatt ma pprova jġib l-vettura f'konformita'. B'kollox, ir-rikorrent nefaq seba' ṭ-elef fuq din il-karrozza suppost gdida, u minn dawn qed jitlob biss tlett elef u hames mija. Dana huwa ammont ferm inferjuri fuq dak li huwa nefaq, pero' t-Tribunal huwa marbut bl-ammont li ikun gie indikat fl-avviz. F'din is-sitwazzjoni ma hemmx lok ghal rimedju iehor ghajr dak finanzjarju u r-rikorrent ghalhekk huwa intitolat jew ghal kumpens jew inkella tnaqqis fil-prezz tal-oggett.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna l-intimat/ is-socjeta' intimata/ ditta intimata in solidum ihallsu s-somma ta' tlett elef hames mitt Euro. Bl-ispejjes kontra l-istess intimat. socjeta' intimata/ ditta intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru